**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 2228/2022**

**Il-Pulizija**
**[Supretendent Robert Vella]**

**Vs**

**Alexander George Micallef**

**Illum, 19 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza:

"**Alexander George Micallef**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 602997M.

Billi inti akkuzat talli bejn ix-xhur ta' l-24 ta' Lulju 2020 u id-09 ta' April 2021, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-

i) Wara li gejt riferut lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' persuni li nqabdu bid-droga, mill-Kummissarju tal-Gustizzja

kompetenti, nqast minghajr gustifikazzjoni ragonevoli milli tidher quddiem l-istess Bord f'xi okkazjoni li kont mistenni tidher, jew nqast minghajr gustifikazzjoni ragonevoli milli tosserva xi ordni mahruga lilek mill-istess Bord.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tal-lum stess.

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi fuq rapport tal-Kummissarju tal-Gustizzja kompetenti, wara li gie riferut mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, l-imputat **Alexander George Micallef** qieghed jigi akkuzat illi, minghajr gustifikazzjoni ragonevoli, naqas milli jidher quddiem l-istess Bord f'xi okkazjoni li kien mistenni tidher, jew naqas minghajr gustifikazzjoni ragonevoli milli josserva xi ordni mahruga lilu mill-istess Bord.

**Ikkunsidrat:**

**Ammissjoni Bikrija**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat **Alexander George Micallef,** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Piena**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qeghda tqis il-fedina penali tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll in-natura u gravita' tar-reati lilha addebitati.

**Decide:**

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u wara li rat l-Artiklu 5(4) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, (1) tikkundannah mitt Ewro (€100) multa u (2) tibghat lill-

imputat lura quddiem Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex wara d-debita evalwazzjoni jsegwi programm adattat u skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-istess Bord u ufficjali relattivi.

Il-Qorti taghmilha cara illi hija qieghda taghzel li tittratta mal-imputat bil-ghan li jirriabilita ruhu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-obbligi tieghu that din is-sentenza u x’jigri f’kaz li ma jonorax l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur